**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 70/2024 SG**

**Steven Sultana**

**Vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

**Illum, 28 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Steven Sultana ppreżentat fit-23 ta' Awwissu 2024 li fih ġie mitlub:**

1. «Tiddikjara illi l-Att tat-Twelid tal-minuri Zahra Sultana, liema att igib in-numru progressive tmienja u tmenin tas-sena elfejn u sbatax (88/2017) jikkontjeni zball kif fuq spjegat f' zewg kolonni separate, u konsegwentement;

2. Tordna illi l-istess Att tat-Twelid jigi kkorregut billi fil-kolonna ntestata 'Ismijiet Moghtijin' l-isem 'Zahra' jigi sostitwit bl-isem 'Zara' u fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u kunjom it-tarbija', l-isem 'Zahra' jigi sostitwit bl-isem 'Zara' u dan ai termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan biex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.»

**Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex fejn ġie eċċepiet:**

1. «Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mill-Att tat-Twelid ta' Zahra Sultana, innumerat 88/2017, jirriżulta illi hija twieldet Victoria, Għawdex, fit-13 ta' April 2017, lil Steven Sultana u lil Sandra Grech, u li 'Zahra' kien iddikjarat bħala l-isem li bih hija għandha tiġi msejħa;

3. Illi kienu il-missier u l-omm flimkien li għamlu d-dikjarazzjoni tat-twelid ta' binthom Zahra u li ddikjaraw kif hija għandha tiġi msejħa. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid iddetaljat, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkat Dok. A;

4. Illi r-rikorrent jgħid li minkejja dak iddikjarat fuq l-Att tat-Twelid tat-tifla tiegħu hija dejjem kienet imsejħa 'Zara', u għalhekk ipproċeda bil-kawża istanti, sabiex l-isem indikat fuq l-Att tat-Twelid tat-tifla tiegħu jkun jirrifletti l-isem li effettivament dejjem kienet imsejħa bih;

5. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura straordinarja għal skopijiet pubbliċi intiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibilità ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtoriżżazzjoni ġudizzjali tal-bidla fl-isem tat-tifla minuri Zahra għandha tingħata għax qed jirriżulta li din meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;

6. Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, fejn qed jintalab li t-tibdil rikjest jiġi rifless fl-att li iġib in-numru progressiv tmienja u tmenin tas-sena elfejn u sbatax; hemm żball fil-figuri numeriċi fejn jridu jinqraw bħala (88/2017) minflok (88/2027);

7. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu u għalhekk m' għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.»

**Rat** id-dokumenti ppreżentati;

**Semgħet** ix-xhieda prodotti;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza ġiet ippreżentata peress li bint ir-rikorrenti ġiet reġistrata bl-isem ta' 'Zahra' mentri kellha tiġi reġistrata bl-isem ta' 'Zara'. Ir-rikorrenti jsostni li dan huwa kjarament żball peress li kemm hu kif ukoll omm il-minuri (li wkoll xehdet f'dawn il-proċeduri) kellhom intenzjoni ċara li l-isem tat-tarbija jkun 'Zara' u mhux 'Zahra' iktar u iktar meta 'Zahra' huwa kunjom komuni ferm f'dawn il-gżejjer Maltin.

Illi l-Artikoli 253 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Il-Qorti qieset li l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament.

Il-Prim'Awla tal-Qrati Ċivili fil-kawża deċiża fil-15 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Calleja vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, spjegat li l-liġi ma timponix li biex issir kawża taħt l-artikoli msemmija jrid ikun hemm żball iżda biżżejjed il-prova li r-rikorrenti tkun dejjem issejħet bl-isem li trid iżżid fiċ-ċertifikat.

Illi l-Qorti qieset ukoll dak li jistipola l-Artikolu 278A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

«(1) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jista' jżomm milli jirreġistra isem jew ismijiet mogħtija lit-tarbija fl-att tat-twelid relattiv, jekk l-isem jew l-ismijiet mogħtija lit-tarbija:

(a) ikun iqsar minn tliet ittri;

(b) ikun fih numri jew simboli;

(ċ) **ikun kunjom komuni f'Malta**;

(d) ikun imnissel minn kelma oxxena jew offensiva jew ikun jikkonsisti f'kelma jew kliem assoċjati ma'attività sesswali; jew

(e) ikun ser jesponi lill-istess tarbija għar-redikolu jew disprezz.» (enfasi miżjud minn din il-Qorti)

Fil-każ odjern, l-isem indikat fuq l-att tat-twelid u ċjoè 'Zahra' huwa kunjom komuni f'Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hija soddisfatta mill-provi kollha esibiti li seħħ żball meta ġie reġistrat it-twelid tal-minuri inkwistjoni u li jekk jitħalla l-isem bħala 'Zahra' dan jista' jagħti lok għal konfużjoni dwar jekk huwiex isem jew kunjom.

Għaldaqstant it-talba attriċi jisthoqqilha li tiġi akkolta.

DECIDE

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biss inkwantu l-istess huma inkompatibbli u inkonsistenti ma' dawk hawn deċiż, tilqa' t-talbiet tar-Rikorrenti fis-sens li:

I. Tordna illi l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv tmienja u tmenin tas-sena elfejn u sbatax (88/2017) jiġi kkorreġut billi fil-kolonna intestata 'Ismijiet Mogħtijin' l-isem 'Zahra' jiġi sostitwit bl-isem 'Zara' u fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom it-tarbija', l-isem 'Zahra' jiġi sostitwit bl-isem 'Zara';

II. Tordna li l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti ai termini tal-istess Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

III. Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr Simone Grech
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur